MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Numru. 212/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**

**vs**

**Joseph Galea**
**Joseph Schembri**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputati Joseph Galea ta’ 30 sena, iben Rosario u Marrianne nee’ Schembri, imwieled Pieta’ fis-06/08/77 u residenti ‘Broadstar’ nru 3, Triq il-Kosbor, Zebbug u detentur tal-karta tal-identita’ numru 389877(M) u l-imputat Joseph Schembri ta’ 40 sena, iben George u Josephine nee’ Mallia, imwieled Pieta’ fit-12 ta’ Novembru 1967 u residenti ‘Footscray Farm’ Triq Hal-Saflieni, Luqa

u detentur tal-karta tal-identita' numru 6968(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Fis-16 ta' Marzu 2008 ghal habta tas-02.45pm, gewwa l-Marsa, minghajr hsieb li joqtol, jew li jqieghdu il-hajja ta' John Briffa u Carmelo Pisani f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha jew li ggibilha disordni fil-mohh jew iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz kif iccertifikaw Dr. Luke Bonello u Dr. R.A. Vella tal-isptar Mater Dei bi ksur tal-art 214, 216, 218, (1)(a)/(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess jum, lok u cirkostanzi, ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' James Briffa kif iccertifikat Dr. Melissa Cauchi MD tal-isptar Mater Dei.

Fl-istess hin, jum, lok u cirkustanzi volontarjament kisru il-bon ordni u l-kwiet pubbliku bl-ghajjat u glied bi ksur tal-artiklu 338 (bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kas ta' htija il-Qorti kienet mitluba li tapplika il-provediment tal-artikolu 383(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta a favur ta' John Briffa, Carmelo Pisani u James Briffa.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 23 ta' Settembru 2009 (esebita a fol. 176 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

1. Joseph Galea

(a) fl-artikoli 214 u 218(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-artikoli 214 u 216(1)(a)(iii)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-artikoli 214 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(f) fl-artikoli 383, 384, 386, 412C u 412D tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Joseph Schembri

(a) fl-artikoli 214 u 218(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-artikoli 214 u 216(1)(a)(iii)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-artikoli 214 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) fl-artikoli 383, 384, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tat-12 ta' Novembru 2009, l-imputati ddikjaraw li huma m' ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghhom surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw glieda li nqalghet fis-16 ta' Marzu 2008 ghall-habta ta' 2.45pm gewwa l-Marsa, precizament fl-istallel li hemm biswit il-korsa taz-zwiemel fejn il-parti civili John Briffa sofra griehi ta' natura gravi filwaqt li James Briffa sofra griehi ta' natura hafifa. L-imputati fil-kawza odjerna jinsabu addebitati bl-imputazzjoni li huma volontarjament ikkagunaw dawn il-griehi. Minn ezami tal-provi prodotti f'dan il-kaz jirrizulta li

l-Qorti tinsab rinfaccjata b’zewg verzjonijiet ghal kollox differenti ta’ kif graw l-affarijiet, min-naha l-wahda l-verzjoni tal-fazzjoni ta’ Briffa u min-naha l-ohra l-verzjoni tal-imputati. Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u Nvestigattiv l-Ispettur Joseph Agius jirrizulta li meta huwa mar fl-istallel tal-familja Briffa, precizament fit-toilets li kien hemm f’dawn l-istallel instsb ammont sostanjzali ta’ dmija mal-art u mal-hitan u nstab furkettun li wara rrizulta li kien jappartjeni li wiehed mill-allegati vittmi John Briffa, frosta u libsa ta’ jockey li skond dak li qalu l-allegati vittmi ma kienux jappartjenu lilhom.

Meta xehdu John u James Briffa f’dawn il-proceduri[1] dawn sostnew li l-incident de quo beda’ fuq il-korsa tat-tigrija waqt tigrija li kienu qed jiehdu sehem fiha James Briffa u Joseph Schembri fost ohrajn. James Briffa jallega li huwa kien wara Schembri meta dan hareg ‘il barra u huwa hareg warajh izda meta fetillu Schembri rega’ dahal ‘il gewwa u skond Briffa huwa (Schembri) laqat saqajn iz-ziemel ta’ Briffa u dan ikkaguna puncture fir-rota tas-serkin ta’ Schembri. Briffa jkompli jghid li Schembri beda’ b’rabja jigbed iz-ziemel tieghu lura u peress li huwa kien warajh beda’ jolqu. Kien fadal madwar tlett mitt metru sabiex tispicca t-tigrija u James Briffa jghid li l-imputat Schembri dar u beda’ jsawwat iz-ziemel tieghu (ta’ Briffa) f’rasu bil-frostin u malli ghadda minn hdejh dawwar il-frostin ghal fuqu u sawwat lilu wkolll u Briffa jsostni li f’dak l-istadju huwa wkoll hareg il-frostin tieghu sabiex jiddefendi ruhu. Briffa jghid li malli spiccat it-tigrija l-imputat Schembri beda’ jsegiwih biz-ziemel fl-area fejn jiddahlu z-zwiemel u beda’ jheddu li ser isawtu u li kien ser ipattihilu. James Briffa jghid li anki hu l-imputat Schembri prova jsawtu izda ma rnexxilux ghaliex huwa lahaq telaq minn fuq il-post biz-ziemel u mar lejn l-istallel tieghu. Dejjem skond James Briffa wara madwar tlett kwarti jew siegha li kien irritorna fl-istallel marru l-imputati ghalihom sabiex isawtuhom. Huwa jghid li l-imputat Joseph Galea mar fuq missieru John Briffa li kien gewwa sabiex isawtu bil-helmet filwaqt li l-imputat Joseph Schembri mar sabiex isawwat lil certu Carmelo Pisani,

[1] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva irnsab isnerita aa fol. 52 sa 59 u a fol. 79 sa 91..

habib ta’ Briffa, li kien maghhom fl-istallel. James Briffa jghid li huwa mar sabiex jigbed lill-imputat Joseph Galea minn fuq missieru u spicca mal-art u f’dak il-mument l-imputat Schembri mar fuqu u beda’ jaghtih bis-sieq u bil-ponn f’rasu. F’dak l-istadju xi nies li kien hemm fir-remissa marru sabiex iferqu u l-glieda waqfet. James Briffa jghid li huwa ra d-demm ma wicc missieru li kellu daqqiet f’imniehru u huwa jghid li kellu daqqiet f’rasu. James Briffa jghid li fir-remissa taghhom kien hemm furkettun u li huwa ra lill-imputat Joseph Schembri jaqbad dan il-furkettun sabiex isawwat lil Pisani bih izda Ivan Bilocca li wkoll inzerta kein fl-istallel ta’ Briffa hataf il-furkettun minghand l-imputat Schembri u remih barra r-remissa. James Briffa jghid li missieru ma kienx prezenti ghat-tigrija. Meta xehed l-allegat vittma l-iehor John Briffa dan qal li waqt it-tigrija huwa kien fuq il-grand stands u ra lill-imputat Schembri ixejjer il-frostin lejn ibnu u jigri warajh biz-ziemel. Huwa jghid ukoll li wara t-tigrija ra lill-imputat Joseph Galea diehel fl-entratura private tar-remissa tieghu (ta’ Briffa) u huwa haseb li kien gej ikellmu izda dan tah daqqa f’rasu bil-crash helmet. Huwa tah tlett daqqiet f’mohhu u kisirlu in-nuccali. John Briffa jghid li wara dahal l-imputat l-iehor Joseph Schembri sabiex jahbat ghalih izda zammewh in-nies. John Briffa jsostni li meta l-imputati marru fl-istallel taghhom l-ewwel ibnu qala’ d-daqqiet minghand Schembri li tefghu mal-art u beda jaghtih bis-sieq u mbaghad sussegwentement huwa (John Briffa) qala’ daqqiet bil-crash helmet minghand l-imputat Galea. Huwa jghid ukoll li l-imputat Joseph Schembri dahal fir-remissa u ha furkettun li kien hemm gewwa u huwa ried jahbat ghal kulhadd b’dan il-furkettun izda ma laqat lil hadd u ibaghad l-imsemmi furkettun gie elevat mill-Pulizija. John Briffa jghid li meta telqu mir-remissa l-imputati hellew warajhom in-nuccali tal-korsa ta’ Schembri u l-gakketta ta’ jockey u frostin tal-istess Schembri. In kontro-ezami Briffa jghid li waqt it-tigrija huwa ma kienx ra lil ibnu jaghti lil Schembri bil-frostin u jichad li kien huwa li hareg bil-frostin ghal Galea u jghid li fl-ebda hin il-furkettun ma kien f’idejn ibnu. Huwa cahad li gie imbuttat mill-imputat Galea biss wara li huwa (Briffa) hareg bil-furkettun ghall-imputat l-iehor Schembri.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati t-tnejn irrilaxxjaw stqarrija[2] fejn Joseph Galea ghazel li ma jwiegeb ghall-prattikament ebda domanda li saritlu filwaqt li l-imputat Joseph Schembri spjega li waqt it-tigrija James Briffa xejjer daqqa ta' frostin f'wiccu. Huwa imbaghad qal li ftit wara wiehed isejhulu tan-niccijiet xejjirlu daqqa ta' frostin u mbaghad gidimlu subghajh. Schembri jsostni li dak il-hin l-imputat John Briffa qabad furkettun tat-tiben u mar ghalih minn wara u kif rah qed jaghmel hekk Joseph Galea imbotta lil Briffa u dan waqa'. Huwa cahad li kien sawwat lil xi hadd bil-frostin u qal li ma kellu xejn f'idejh. Huwa cahad li kienu marru fl-istallel ta' Briffa sabiex jaghtuhom xebgha u spjega li l-incident gara fil-passagg komuni bejn ir-remissi u mhux fl-istallel ta' Briffa u spjega li huma kienu mexjin lejn l-istallel taghhom meta inqala' l-incident u qal li sabiex jaslu ghall-istallel taghhom bilfors kellhom jghaddu minn quddiem dawk ta' Briffa. Huwa jghid li ra lil Galea u lil James Briffa jilletikaw izda ma rax lill-imputat Gela isawwat lil James Briffa.

Iz-zewg imputati ghazlu li jixhdu f'dawn il-proceduri fejn it-tnejn li huma xehdu waqt l-udjenza tat-30 ta' Settembru 2010. Joseph Schembri kkonferma dak kollu li kien qal fl-istqarrija rilaxxjata lil Pulizija fejn huwa esebixxa tlett ritratti u dvd[3] li jindikaw li l-affarijiet waqt it-tigrija graw kif allegat minnu u mhux kif xehed James Briffa. Huwa qal li kien fuq quddiem fit-tigrija u James Briffa gie minn mal-gemb u kissirlu s-serkin u meta huwa gibidlu l-attenzjoni ghal dak li kien ghamel Briffa beda' jaghtih bil-frostin f'wiccu u ghamillu l-marki skond kif jidher fir-riitratt esebit a fol. 106 tal-atti processwali. L-imputat Schembri jghid li wara t-tigrija huwa dahal fil-paddock u qaghad hemm ghal ftit hin filwaqt li James Briffa mar mal-ewwel lejn ir-remissa. Hwua spjega li huwa bilfors kellu jghaddi minn quddiem ir-remissa ta' Briffa sabiex imur lura lejn ir-remissa tieghu u qal li meta huwa u l-imputat Joseph Galea kienu mexjin minn quddiem ir-remissa ta' Briffa hareg certu wiehed jismu Carmelo Pisani jghajtulu 'tan-

[2] Inseriti a fol. 32 sa 34 tal-atti processwali.
[3] Inseriti a fol. 209 sa 212.

niccijiet’ u stiednu ghall-glied u xejjirlu zewg daqqiet ta’ ponn u l-imputat Schembri jghid li kellu jiddefendi ruhu meta f’daqqa wahda sema’ lill-imputat Galea jghid ‘ara hemm’ u ra lil John Briffa hiereg ghalih bil-furkettun u ra lil Galea jimbuttah. Schembri jghid li kull ma kellu f’idejh kienet il-gakketta ta’ jockey u meta gie mitlub jispjega kif fir-ritratti esebiti mill-Pulizija din il-gakketta tidher gewwa r-remissa ta’ Briffa jghid li din dahluha ta’ Briffa wara l-glieda. Huwa jsostni li la hu u l-anqas Galea fl-ebda hin ma dahlu fir-remissa ta’ Briffa. Schembri jispjega li Joseph Galea kellu z-ziemel f’idejh izda meta ra lil Briffa gej ghall-Schembri bil-furkettun huwa telaq iz-ziemel u mbotta lil Briffa sabiex dan ma jdahhalx il-furkettun f’daru. Joseph Galea kkonferma dak kollu li kien qal l-imputat Joseph Schembri izda zied jghid li wara li mbotta lil John Briffa mal-art sabiex dan ma jdahhalx il-furkettun f’dar zijuh Joseph Schembri u l-furkettun waqa’ mal-art gabru James Briffa izda imbaghad persuna li kienet ma ta’ Briffa hatfet il-furkettun u ramitu l-boghod sabiex Briffa ma jkunx jista jkompli juzah.

Kemm il-fazzjoni ta Briffa kif ukoll l-imputati producew xhieda li kkorroboraw il-vezjonijiet rispettivi taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi huwa principju assodat fil-gurisprudenza taghna li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghall-liberazzjoni izda fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li minn ezami bir-reqqa tal-provi prodotti mill-partijiet f’dan il-kaz jirrizulta ampjament li x-xhieda moghtija mill-familja Briffa m’hijiex attendibbli u ma tistghax titwemmen. Il-Qorti setghat fil-fatt tirriskontra diversi kontradizzjonijiet bejn dak li xehed John Briffa u bejn dak li xehed ibnu James Briffa fejn per ezempju John Briffa jghid li ra t-tigrija u li waqt it-tigrija fl-ebda hin ma ra lil ibnu jagti lil Schembri bil-frostin filwaqt li James Briffa min-naha l-ohra jghid li missieru ma kienx qed jara t-tigrija u qal li huwa kien ta daqqiet ta’ frostin lil Schembri sabiex jiddefendi lilu nnifsu. Ir-ritiratti u d-dvd esebiti mill-imputat Joseph Schembri inoltre jikkoroboraw il-verzjoni tal-fatti minnu moghtija ta’ dak li gara waqt it-tigrija u mhux dik moghtija minn James Briffa. Il-Qorti

inoltre tirrileva li l-imputat Joseph Schembri ta l-istess verzjoni tal-fatti sa mill-bidu nett u cioe qal l-istess affarijiet a tempo vergine meta rrilaxxja l-istqarrija u wara meta xehed f'dawn il-proceduri. Il-komportament ta' John u James Briffa fuq il-pedana tax-xhieda inoltre ikompli jdahhal dubju dwar l-attendibiita' ta' dan iz-zewg xhieda. Il-Qorti jidrilha li l-imputati Schembri u Galea rnexxilhom jippruvaw sal-grad tal-probabbli li l-incident inqala' waqt li huma kienu sejrin lejn ir-remissa taghom u l-ewwel Schembri gie aggredit minn Carmelo Pisani u sussegwentement minn John Briffa li kien ser idahhal il-furkettun f'dahar l-imputat Schembri u li kien biss f'dan il-mument li l-imputat Galea telaq iz-ziemel minn idejh u mbotta lil Briffa mal-art sabiex dan ma jattakkax lil zijuh. Il-Qorti jidrilha li l-imputati rnexxilhom jippruvaw sal-grad tal-probabbli li huma gew attakkati mill-clan ta' Briffa u li agixxew biss sabiex jiddefendu lilhom infushom u li ma eccedewx il-limiti tal-legittima difesa.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-imputati ma jistghux jinstabu hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------